REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/617

tal-14 ta' April 2021

li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 u (UE) 2020/2236 fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali akkwatiċi u prodotti li joriġinaw mill-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 213(2) u 224(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([3]) u (UE) 2020/2236 ([4]) jistabbilixxu r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali akkwatiċi u prodotti li joriġinaw mill-annimali.

(2) Il-konsenji tal-annimali akkwatiċi ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem jistgħu jidħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu konformi mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004. Il-kliem ta' ċerti noti stabbiliti fil-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għall-ħut ħaj, il-krustaċji ħajjin, il-molluski bivalvi ħajjin, l-ekinodermi, it-tunikati, il-gastropodi marini u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali, minn fost dawk l-annimali tal-Kapitoli 28 u 31 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 ħoloq il-potenzjal ta' ambigwità rigward ir-rekwiżiti tas-saħħa pubblika. Għaldaqstant, biex ikun evitat in-nuqqas ta' fehim u tkun żgurata l-koerenza bejn ir-rekwiżiti tas-saħħa pubblika u dawk tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti annimali akkwatiċi ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem, in-noti stabbiliti fil-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għall-ħut ħaj, il-krustaċji ħajjin, il-molluski bivalvi ħajjin, l-ekinodermi, it-tunikati, il-gastropodi marini u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali, minn fost dawk l-annimali tal-Kapitoli 28 u 31 tal-Anness III, jenħtieġ jiġu emendati skont dan.

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

([2]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2236 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni u għall-movimenti fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali akkwatiċi u ta' ċerti prodotti li ġejjin mill-annimali akkwatiċi, taċ-ċertifikazzjoni uffiċjali rigward tali ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1251/2008 (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 410).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

(3) Biex tkun żgurata ċarezza sħiħa fin-noti tal-mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għall-ħut ħaj, il-krustaċji ħajjin, il-molluski bivalvi ħajjin, l-ekinodermi, it-tunikati, il-gastropodi marini u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn fost dawk l-annimali, stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, jenħtieġ ikun ċar b'mod espliċitu li l-konsenji tal-annimali akkwatiċi ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem jistgħu jidħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(4) Barra minn hekk, biex tkun żgurata l-koerenza bejn ir-rekwiżiti tas-saħħa pubblika u dawk tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali akkwatiċi ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem, huma meħtieġa ċerti emendi fit-titolu u fin-noti tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-annimali akkwatiċi maħsuba għal ċerti stabbilimenti tal-akkwakultura, għar-rilaxx fl-ambjent naturali, jew għal skopijiet oħra, kif stabbilit fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2236. Dawn l-emendi huma meħtieġa biex ikun żgurat li hu espliċitament ċar li dan iċ-ċertifikat ma jistax jintuża għal konsenji tal-annimali akkwatiċi maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Filwaqt li ċ-ċentri tal-purifikazzjoni u tad-dispaċċ huma stabbilimenti tal-akkwakultura f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429, ir-regoli tas-saħħa pubblika jipprevjenu l-annimali akkwatiċi milli jidħlu fl-Unjoni jekk ikunu ddestinati għaċ-ċentri tal-purifikazzjoni, jew f'ċerti ċirkostanzi, jekk ikunu ddestinati għaċ-ċentri tad-dispaċċ.

(5) Biex ikun hemm ċarezza f'dak ir-rigward, u jkun evitat in-nuqqas ta' fehim, il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni tal-annimali akkwatiċi maħsuba għal ċerti stabbilimenti tal-akkwakultura, għar-rilaxx fl-ambjent naturali, jew għal skopijiet oħra, għajr il-konsum mill-bniedem, kif stabbilit fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2236, jenħtieġ li jiġi emendat biex ikun żgurat li l-konsenji tal-annimali akkwatiċi ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem ikunu jistgħu jidħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(6) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 u (UE) 2020/2236 japplikaw b'effett mill-21 ta' April 2021, għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll minn dik id-data.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 huwa emendat kif ġej:

1. Fil-Kapitolu 28, il-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni tal-ħut ħaj, il-krustaċji ħajjin u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali, minn fost dawk l-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem (MODEL FISH-CRUST-HC) huwa emendat kif ġej:

   (a) il-punt II.2.3.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "(4)(6)[II.2.3.1. Dawn huma soġġetti għar-rekwiżiti fil-Parti II.2.4 u joriġinaw minn (4)[pajjiż] (4)[territorju] (4)[żona] (4)[kompartiment] (5)bil-kodiċi:_ - __ li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, jinsab/tinsab fil-lista tal-pajjiżi terzi u t-territorji adottata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 230(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 għad-dħul fl-Unjoni ta' (3)[annimali akkwatiċi] (3)[prodotti li joriġinaw mill-annimali, minn annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin];]"

(b) in-Noti huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**Noti**

F'konformità mal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

"Annimali akkwatiċi" huma annimali kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. "Annimali tal-akkwakultura" huma annimali akkwatiċi soġġetti għall-akkwakultura kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429.

L-annimali akkwatiċi kollha u l-prodotti kollha li joriġinaw minn annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin, li għalihom tapplika l-Parti II.2.4 ta' dan iċ-ċertifikat, iridu joriġinaw minn pajjiż/territorju/żona/kompartiment li jidher/tidher fil-lista tal-pajjiżi terzi u t-territorji adottata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 230(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.

Il-Parti II.2.4 taċ-ċertifikat **ma tapplikax** għall-krustaċji u għall-ħut li ġejjin, u għalhekk jistgħu joriġinaw minn pajjiż/territorju jew minn parti minnu, elenkati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 127(2) tar-Regolament (UE) 2017/625:

(a) krustaċji ppakkjati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li ma jibqgħux ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent akkwatiku,

(b) krustaċji maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar ulterjuri, diment li jkunu ppakkjati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti għal dawk l-imballaġġi kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(c) krustaċji ppakkjati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar,

(d) ħut li nqatel u ġie evixxerat qabel id-dispaċċ.

Dan iċ-ċertifikat japplika għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali u għall-annimali akkwatiċi ħajjin, inkluż dawk destinati għal stabbiliment tal-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku kif definit fil-punt 52 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429 li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mal-Anness III, it-Taqsima VII tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bir-referenza I.20:	Immarka "*Industrija tal-ikel ippreservat fil-laned*" għall-ħut sħiħ inizjalment iffriżat fis-salmura f'temperatura ta' – 9 °C jew f'temperatura ogħla minn – 18 °C u maħsub biex ikun ippreservat fil-laned f'konformità mar-rekwiżiti tat-Taqsima VIII, il-Kapitolu I, il-punt II(7) tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Immarka "*Prodotti għall-konsum mill-bniedem*" jew "*Ipproċessar ulterjuri*" għall-każijiet l-oħra.
Kaxxa bir-referenza I.27:	Niżżel il-kodiċi(jiet) xierqa tas-Sistema Armonizzata (SA) bl-użu ta' intestaturi bħal: 0301, 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307, 0308, 0511, 1504, 1516, 1518, 1603, 1604, 1605 jew 2106.
Kaxxa bir-referenza I.27:	Deskrizzjoni tal-kunsinna: "*Natura tal-komodità*": Speċifika jekk joriġinax mill-akkwakultura jew mill-ambjent naturali. "*Tip ta' trattament*": Speċifika jekk hux ħaj, imkessaħ, iffriżat jew ipproċessat. "*Impjant tal-manifattura*": jinkludi bastiment fabbrika, bastiment friża, bastimenti reefer, maħżen imkessaħ u impjant tal-ipproċessar.

Parti II:

(1) Il-Parti II.1 ta' dan iċ-ċertifikat ma tapplikax għall-pajjiżi b'rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika speċifiċi stipulati fi ftehimiet ta' ekwivalenza jew f'leġiżlazzjoni oħra tal-UE.

(2) Il-Parti II.2 ta' dan iċ-ċertifikat ma tapplikax u jenħtieġ li titħassar meta l-kunsinna tkun tikkonsisti minn: (a) speċijiet għajr dawk elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 (*); jew (b) annimali akkwatiċi salvaġġi u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn fost dawk l-annimali akkwatiċi li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem; jew (c) prodotti li joriġinaw mill-annimali, minn annimali għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin li jidħlu fl-Unjoni lesti għall-konsum dirett mill-bniedem.

(3) L-ispeċijiet elenkati fil-kolonni 3 u 4 tat-tabella tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882. L-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 għandhom jitqiesu biss bħala vetturi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 171 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) Żomm kif xieraq/ħassar jekk mhux applikabbli.

(5) Il-kodiċi tal-pajjiż terz/territorju/żona/kompartiment kif jidher fil-lista tal-pajjiżi terzi u t-territorji adottata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 230(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.

(6) Il-Partijiet II.2.3.1, II.2.3.2 u l-Parti II.2.4 ta' dan iċ-ċertifikat ma japplikawx u jenħtieġ li jitħassru jekk il-kunsinna jkun fiha biss il-krustaċji jew il-ħut li ġejjin:

(a) krustaċji ppakkjati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li ma jibqgħux ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent akkwatiku,

(b) krustaċji maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar ulterjuri, diment li jkunu ppakkjati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti għal dawk l-imballaġġi kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(c) krustaċji ppakkjati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar,

(d) ħut li nqatel u ġie evixxerat qabel id-dispaċċ.

(7) Applikabbli meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni jkollu status ta' ħieles mill-mard għal marda tal-kategorija C kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, jew ikun soġġett għal programm fakultattiv tal-eradikazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, inkella ħassar.

(8) Applikabbli meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni jkun approva miżuri nazzjonali għal marda speċifika fis-seħħ, li jkunu ġew approvati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 226 tar-Regolament (UE) 2016/429, inkella ħassar.

(9) L-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 2 fit-tabella tal-Anness XXIX tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 dwar mard li għalih l-Istati Membri jkollhom miżuri nazzjonali kif previsti fl-Artikolu 226 tar-Regolament (UE) 2016/429.

(10) għall-iffirmar minn:

— veterinarju uffiċjali meta l-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali ma titħassarx

— uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni jew veterinarju uffiċjali meta titħassar il-parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).";

2. Fil-Kapitolu 31, il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni tal-molluski bivalvi ħajjin, l-ekinodermi, it-tunikati, il-gastropodi marini u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali, minn fost dawk l-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem (MODEL MOL-HC), in-Noti huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**Noti**

F'konformità mal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

"Annimali akkwatiċi" huma annimali kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. "Annimali tal-akkwakultura" huma annimali akkwatiċi soġġetti għall-akkwakultura kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429.

L-annimali akkwatiċi kollha u l-prodotti kollha li joriġinaw minn annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin, li għalihom tapplika l-Parti II.2.4 ta' dan iċ-ċertifikat, iridu joriġinaw minn pajjiż/territorju/żona/kompartiment li jidher/tidher fil-lista tal-pajjiżi terzi u t-territorji adottata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 230(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.

Il-Parti II.2.4 taċ-ċertifikat **ma tapplikax** għall-annimali akkwatiċi li ġejjin, u għalhekk jistgħu joriġinaw minn pajjiż jew reġjun tiegħu, li hu elenkat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 127(2) tar-Regolament (UE) 2017/625:

(a) molluski ppakkjati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li ma jibqgħux ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent akkwatiku;

(b) molluski maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar ulterjuri, diment li jkunu ppakkjati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti għal dawk l-imballaġġi kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) molluski ppakkjati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bir-referenza I.8:	Reġjun ta' oriġini: indika ż-żona tal-produzzjoni u l-klassifikazzjoni tagħha fil-mument tal-ħsad.

Parti II:

(1) Il-Parti II.1 ma tapplikax għall-pajjiżi b'rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika speċifiċi stipulati fi ftehimiet ta' ekwivalenza jew f'leġiżlazzjoni oħra tal-UE.

(2) Il-Parti II.2 ma tapplikax u jenħtieġ li titħassar meta l-kunsinna tkun tikkonsisti minn: (a) speċijiet għajr dawk elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 (*); jew (b) annimali akkwatiċi salvaġġi u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn fost dawk l-annimali akkwatiċi salvaġġi li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem; jew (c) prodotti li joriġinaw mill-annimali, minn annimali akkwatiċi oħra għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin li jidħlu fl-Unjoni lesti għall-konsum dirett mill-bniedem.

(3) L-ispeċijiet elenkati fil-kolonni 3 u 4 tat-tabella tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882. L-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 għandhom jitqiesu biss bħala vetturi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 171 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) Żomm kif xieraq/ħassar jekk mhux applikabbli.

(5) Il-kodiċi tal-pajjiż terz/territorju/żona/kompartiment kif jidher fil-lista tal-pajjiżi terzi u t-territorji adottata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 230(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.

(6) Il-Partijiet II.2.3.1, II.2.3.2 u II.2.4 ma japplikawx u jenħtieġ li jitħassru jekk il-kunsinna jkun fiha biss l-annimali akkwatiċi li ġejjin:

(a) molluski ppakkjati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li ma jibqgħux ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent akkwatiku,

(b) molluski maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar ulterjuri, diment li jkunu ppakkjati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti għal dawk l-imballaġġi kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(c) molluski ppakkjati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar.

(7) Applikabbli biss meta l-Istat Membru/iż-żona/il-kompartiment tad-destinazzjoni fl-Unjoni jkollhom status ta' ħielsa mill-mard għal marda tal-kategorija C kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, jew ikunu soġġetti għal programm fakultattiv tal-eradikazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, inkella ħassar.

(8) Applikabbli meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni jkun approva miżuri nazzjonali għal marda speċifika fis-seħħ, li jkunu ġew approvati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 226 tar-Regolament (UE) 2016/429, inkella ħassar.

(9) L-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 2 fit-tabella tal-Anness XXIX tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 dwar mard li għalih l-Istati Membri jkollhom miżuri nazzjonali kif previst fl-Artikolu 226 tar-Regolament (UE) 2016/429.

(10) għall-iffirmar minn:

— veterinarju uffiċjali meta l-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali ma titħassarx

— uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni jew veterinarju uffiċjali meta titħassar il-parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).";

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2236 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali akkwatiċi maħsuba għall-istabbilimenti tal-akkwakultura, għar-rilaxx fl-ambjent naturali, jew għal skopijiet oħrajn ħlief il-konsum dirett mill-bniedem

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikolu 1(2)(b) li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali akkwatiċi maħsuba għall-istabbilimenti tal-akkwakultura, għar-rilaxx fl-ambjent naturali, jew għal skopijiet oħra għajr il-konsum dirett mill-bniedem għandu jikkorrispondi għall-mudell AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness II.";

2. L-Anness II huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS II

L-Anness II fih il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li ġej:

Mudell

AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/ OTHER	Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni tal-annimali akkwatiċi maħsuba għal ċerti stabbilimenti tal-akkwakultura, għar-rilaxx fl-ambjent naturali, jew għal skopijiet oħra, għajr il-konsum dirett mill-bniedem

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ANNIMALI AKKWATIĊI MAĦSUBA GĦAL ĊERTI STABBILIMENTI TAL-AKKWAKULTURA, GĦAR-RILAXX FL-AMBJENT NATURALI, JEW GĦAL SKOPIJIET OĦRA, GĦAJR IL-KONSUM MILL-BNIEDEM (MUDELL "AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER")

PAJJIŻ | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-introduzzjoni fl-UE**

Parti I: Deskrizzjoni tal-konsenja

I.1 **Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2** **Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a** **Referenza IMSOC**	
	I.3 **Awtorità Kompetenti Ċentrali**	**KODIĊI QR**	
	I.4 **Awtorità Kompetenti Lokali**		
I.5 **Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6** **Operatur responsabbli għall-konsenja** Isem Indirizz Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż		
I.7 **Pajjiż tal-oriġini** Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9** **Pajjiż tad-destinazzjoni** Kodiċi ISO tal-pajjiż		
I.8 **Reġjun tal-oriġini** Kodiċi	**I.10** **Reġjun tad-destinazzjoni** Kodiċi		
I.11 **Post tad-dispaċċ** Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12** **Post tad-destinazzjoni** Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż		
I.13 **Post tat-tagħbija**	**I.14** **Data u ħin tat-tluq**		
I.15 **Mezz tat-trasport** ☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment ☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq Identifikazzjoni	**I.16** **Post tal-Kontroll fil-Fruntiera tad-Dħul** **I.17** **Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Kodiċi Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali		

I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	☐ Ambjentali	☐ Fil-kiesaħ	☐ Fil-friża
I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill			
I.20	**Iċċertifikat bħala jew għal**			
	☐ Żamma aktar fit-tul ☐ Stabbiliment konfinat ☐ Rilaxx fl-ambjent naturali ☐ Stabbiliment ta' kwarantina ☐ Oħrajn ☐ Stabbiliment tal-akkwakultura ornamentali ☐ Żona ta' riinstillazzjoni/ċentru tal-purifikazzjoni			
I.21	☐ **Għal tranżitu** Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.22** ☐ **Għas-suq intern** **I.23** ☐ **Għal dħul mill-ġdid**		
I.24	**Għadd totali ta' pakketti**	**I.25** **Kwantità totali**	**I.26** **Piż nett/piż gross totali (f'kg)**	

I.27 **Deskrizzjoni tal-konsenja**

Kodiċi NM	Speċijiet	Subspeċijiet/Kategorija	Natura tal-komodità	Tip ta' imballaġġ	Età	Kwantità
				Għadd ta' pakketti		Piż nett
				Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru		

PAJJIŻ			Mudell taċ-ċertifikat AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER
Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b Referenza IMSOC**

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li:

II.1. Skont l-informazzjoni uffiċjali, l-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li ġejjin:

II.1.1. L-annimali akkwatiċi ġejjin minn [1][stabbiliment] [1][ħabitat] li mhux soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali jew minħabba l-okkorrenza ta' mortalità anormali b'kawża indeterminata, inkluż il-mard rilevanti elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

II.1.2. L-annimali akkwatiċi mhumiex maħsuba biex jinqatlu skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard rilevanti elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

[1][II.2. L-annimali tal-akkwakultura msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

II.2.1. Jiġu minn stabbiliment tal-akkwakultura li hu [1][rreġistrat] [1][approvat] minn, u fil-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju tal-oriġni u għandu sistema fis-seħħ għall-manutenzjoni u għaż-żamma, għal perjodu minimu ta' tliet snin, ta' rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni dwar:

(i) l-ispeċijiet, il-kategoriji, u l-għadd ta' annimali tal-akkwakultura fl-istabbiliment tal-akkwakultura;

(ii) il-movimenti tal-annimali akkwatiċi fl-istabbiliment tal-akkwakultura, u tal-annimali tal-akkwakultura barra minnu;

(iii) il-mortalità fl-istabbiliment tal-akkwakultura.

II.2.2. Ġejjin minn stabbiliment tal-akkwakultura li jirċievi żjarat regolari fir-rigward tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-iskop tad-detezzjoni ta' sinjali indikattivi tal-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u ta' mard emerġenti u informazzjoni dwarhom, bi frekwenza proporzjonata għar-riskju maħluq mill-istabbiliment tal-akkwakultura.]

II.3. Rekwiżiti ġenerali dwar is-saħħa

L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li ġejjin:

II.3.1. L-annimali akkwatiċi ġejjin minn [1][pajjiż] [1][territorju], [1][żona] [1][kompartiment] [2] bil-kodiċi: __ __ - __ li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, jinsab/tinsab fil-lista tal-pajjiżi terzi u t-territorji adottata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 230(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti speċijiet ta' annimali akkwatiċi.

II.3.2. Għaddew minn spezzjoni klinika minn veterinarju uffiċjali fi żmien perjodu ta' 72 siegħa qabel il-ħin tat-tagħbija. Waqt l-ispezzjoni, l-annimali akkwatiċi ma wrew l-ebda sintomu kliniku ta' mard trażmissibbli u, skont ir-rekords rilevanti tal-istabbiliment tal-akkwakultura, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' problemi ta' mard.

II.3.3. Se jintbagħtu direttament mill-istabbiliment tal-oriġini lejn l-Unjoni.

II.3.4. Ma kinux f'kuntatt ma' annimali akkwatiċi bi status ta' saħħa inferjuri.

PAJJIŻ	Mudell taċ-ċertifikat AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER

[1][**II.4. Rekwiżiti speċifiċi dwar is-saħħa**

II.4.1. Rekwiżiti għall-[3]ispeċijiet elenkati għan-Nekrożi ematopojetika epiżootika, għall-Infezzjoni bil-*Mikrocytos mackini*, għall-Infezzjoni bil-*Perkinsus marinus*, għall-Infezzjoni bil-virus tas-sindromu ta' Taura u għall-Infezzjoni bil-virus tar-ras safra

L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I ġejjin minn [1][pajjiż] [1][territorju] [1][żona] [1][kompartiment] li jkun ġie ddikjarat ħieles minn [1][Nekrożi ematopojetika epiżootika] [1][Infezzjoni bil-*Mikrocytos mackini*] [1][Infezzjoni bil-*Perkinsus marinus*] [1][Infezzjoni bil-virus tas-sindromu ta' Taura] [1][Infezzjoni bil-virus tar-ras safra] f'konformità mal-kundizzjonijiet li huma stretti mill-inqas daqs dawk stabbiliti fl-Artikolu 66 jew fl-Artikolu 73(1) u l-Artikolu 73(2)(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 u fejn [3]l-ispeċijiet elenkati kollha għall-mard rilevanti:

(i) huma introdotti minn [1][pajjiż] [1][territorju] [1][żona] [1][kompartiment] oħra li ġew dikjarati ħielsa mill-istess mard;

(ii) mhumiex imlaqqma kontra [1][dik] il-marda/[1][dak] il-mard

[1][4][**II.4.2. Rekwiżiti għall-[3]ispeċijiet elenkati għas-Settiċemija emorraġika virali (VHS), għan-Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN), għall-infezzjoni bil-virus tal-anemija infettiva tas-salamun (ISAV) b'delezzjoni f'reġjun polimorfiku ħafna (ISAV), għall-infezzjoni bil-*Marteilia refringens*, għall-infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*, għall-infezzjoni bil-*Bonamia ostreae* u għall-infezzjoni bil-virus tas-sindromu tal-ponot bojod**

L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I ġejjin minn [1][pajjiż] [1][territorju] [1][żona] [1][kompartiment] li ġie ddikjarat ħieles minn [1][Settiċemija emorraġika virali (VHS)] [1][Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN)] [1][infezzjoni bil-virus tal-anemija infettiva tas-salamun (ISAV) b'delezzjoni f'reġjun polimorfiku ħafna (ISAV)] [1][infezzjoni bil-*Marteilia refringens*] [1][infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*] [1][infezzjoni bil-*Bonamia ostreae*] [1][infezzjoni bil-virus tas-sindromu tal-ponot bojod] f'konformità mal-Kapitolu 4 tal-Parti II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 u fejn [3]l-ispeċijiet elenkati kollha għall-mard rilevanti:

(i) huma introdotti minn [1][pajjiż] [1][territorju] [1][żona] [1][kompartiment] oħra li ġew dikjarati ħielsa mill-istess mard;

(ii) mhumiex imlaqqma kontra [1][dik] il-marda/[1][dak] il-mard

[1][5][**II.4.3. Rekwiżiti għal[6]speċijiet suxxettibbli għall-infezzjoni bil-Virus tal-viremija tar-rebbiegħa tal-karpjun (SVC), għall-Marda batterika tal-kliewi (BKD), għall-infezzjoni bil-Virus tan-nekroży pankreatika infettiva (IPN), għall-infezzjoni bil-*Gyrodactylus salaris* (GS), għall-infezzjoni bl-alfavirus tas-salmonidi (SAV) u għall-infezzjoni bil-virus tal-erpete tal-gajdri 1 μvar (OsHV-1 μvar) u għal[3]speċijiet suxxettibbli għall-marda tal-virus tal-erpete tal-koi**

L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I ġejjin minn [1][pajjiż] [1][territorju] [1][żona] [1][kompartiment] li jissodisfaw il-garanziji tas-saħħa rigward [1][SVC], [1][BKD], [1][IPN], [1][G.salaris], [1][SAV], [1][OsHV-1 μvar], [1][KHV], li huma meħtieġa għall-konformità mal-miżuri nazzjonali li japplikaw

PAJJIŻ	Mudell taċ-ċertifikat AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER

fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, kif stipulat fl-atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429.]

[(1)]*jew*[**II.4. Rekwiżiti speċifiċi dwar is-saħħa**

L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I huma annimali akkwatiċi maħsuba għal stabbiliment konfinat li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691, u jridu jintużaw għal skopijiet ta' riċerka.]

[(1)] *jew*[**II.4. Rekwiżiti speċifiċi dwar is-saħħa**

L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I huma annimali akkwatiċi selvaġġi li [(1)][ġew soġġetti għal kwarantina fi stabbiliment approvat għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti [(1)][tal-pajjiż] [(1)][tat-territorju] tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691.] [(1)][se jkunu soġġetti għal kwarantina fi stabbiliment approvat għal dak l-iskop f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691.]

II.5. Sa fejn naf jien, u kif iddikjarat mill-operatur, l-annimali fil-konsenja ma juru l-ebda sintomu ta' mard u ġejjin minn [(1)][stabbiliment] [(1)][ħabitat] fejn:

(i) ma kien hemm l-ebda mortalità anormali b'kawża indeterminata; u

(ii) l-annimali akkwatiċi ma kinux f'kuntatt ma' annimali miżmuma ta' [(3)]speċi elenkata li ma kkonformatx mar-rekwiżiti msemmija fil-punt II.1.

II.6. Rekwiżiti tat-trasport

Saru arranġamenti biex l-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I jinġarru f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 167 u 168 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u b'mod speċifiku li:

II.6.1. l-annimali akkwatiċi jintbagħtu direttament mill-istabbiliment tal-oriġini lejn l-Unjoni u ma jinħattux mill-kontenitur tagħhom meta jinġarru bl-ajru, bil-baħar, bil-ferrovija jew bit-triq;

II.6.2. l-ilma li jinġarru fih ma jinbidilx f'pajjiż terz jew f'territorju, f'żona jew f'kompartiment li mhumiex elenkati għad-dħul tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' annimali akkwatiċi fl-Unjoni;

II.6.3. l-annimali ma jinġarrux f'kundizzjonijiet li jipperikolaw l-istatus tas-saħħa tagħhom, b'mod partikolari:

(i) meta l-annimali jinġarru fl-ilma, dan l-ilma ma jbiddilx l-istatus tas-saħħa tagħhom;

(ii) il-mezz tat-trasport u l-kontenituri jridu jkunu nbnew b'mod li l-istatus tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi ma jiġix ipperikolat waqt il-ġarr;

(iii) [(1)][il-kontenitur] [(1)][id-dgħajsa barrada] ma jkunux intużaw qabel jew ikunu tnaddfu u ġew diżinfettati, f'konformità mal-protokoll u bi prodotti approvati mill-awtorità kompetenti [(1)][tal-pajjiż terz] [(1)][tat-territorju] tal-oriġini, qabel it-tagħbija għad-dispaċċ lejn l-Unjoni;

II.6.4. mill-ħin tat-tagħbija fl-istabbiliment tal-oriġini sal-ħin tal-wasla fl-Unjoni, l-annimali fil-konsenja ma jkunux inġarru fl-istess ilma jew l-istess [(1)][kontenitur] [(1)][dgħajsa barrada] flimkien ma' annimali akkwatiċi bi status tas-saħħa inferjuri jew li ma kinux maħsuba għad-dħul fl-Unjoni;

PAJJIŻ	Mudell taċ-ċertifikat AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER

II.6.5. meta jkun meħtieġ li l-ilma jinbidel [1][f'pajjiż terz] [1][f'territorju] [1][f'żona] [1][f'kompartiment] elenkati għad-dħul tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' annimali akkwatiċi fl-Unjoni, dan isir biss [1][fil-każ ta' trasport bit-triq, fil-punti għall-iskambju tal-ilma approvati mill-awtorità kompetenti [1] [tal-pajjiż terz] [1] [tat-territorju] fejn iseħħ l-iskambju tal-ilma.] [1][fil-każ ta' trasport b'dgħajsa barrada, f'distanza li hija mill-inqas 10 km 'il bogħod minn kwalunkwe stabbiliment tal-akkwakultura li jinsab tul ir-rotta mill-post tal-oriġini sal-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni.]

II.7. Rekwiżiti tat-tikkettar

Saru arranġamenti biex jiġu identifikati u ttikkettati [1][il-mezz tat-trasport] [1][il-kontenituri] f'konformità mal-Artikoli 169(1) u 169(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u b'mod speċifiku li:

II.7.1. il-konsenja hija identifikata [1][b'tikketta leġibbli u viżibbli fuq in-naħa ta' barra tal-kontenitur] [1][entrata fil-manifest tal-bastiment meta l-konsenja tinġarr b'dgħajsa barrada,] li torbot b'mod ċar il-konsenja ma' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali;

II.7.2. it-tikketta leġibbli u viżibbli għandu jkollha mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-għadd ta' kontenituri fil-konsenja;

(b) l-isem tal-ispeċi preżenti f'kull kontenitur;

(c) l-għadd ta' annimali f'kull kontenitur għal kull waħda mill-ispeċijiet preżenti;

(d) l-iskop li għalih l-annimali huma maħsuba.

II.8. Validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali hu validu għal perjodu ta' għaxart ijiem mid-data tal-ħruġ. Fil-każ ta' trasport tal-annimali akkwatiċi bil-passaġġi fuq l-ilma/bil-baħar, dan il-perjodu ta' għaxart ijiem jista' jiġi estiż bid-durata tal-vjaġġ fuq il-passaġġi fuq l-ilma/fuq il-baħar.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

"Annimali akkwatiċi" huma annimali kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429. "Annimali tal-akkwakultura" huma annimali akkwatiċi soġġetti għall-akkwakultura kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429.

Dan il-mudell taċ-ċertifikat hu maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali akkwatiċi għall-iskopijiet indikati fit-titlu tiegħu, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk l-annimali.

Dan il-mudell taċ-ċertifikat ma għandux jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali akkwatiċi maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005, inkluż dawk l-annimali maħsuba għall-istabbilimenti tal-akkwakultura li ġejjin:

(i) stabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku kif definit fil-punt (52) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429, jew

(ii) ċentru tad-dispaċċ kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691,

li għalih għandu jintuża l-mudell taċ-ċertifikat FISH-CRUST-HC, kif stabbilit fil-Kapitolu 28 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235, jew MOL-HC kif stabbilit fil-Kapitolu 31 tal-Anness III tal-istess Regolament, kif rilevanti.

PAJJIŻ	**Mudell taċ-ċertifikat** **AQUA-ENTRY-ESTAB/RELEASE/OTHER**
	Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235. **Parti II:** (1) Żomm kif xieraq/ħassar jekk mhux applikabbli. (2) Kodiċi tal-pajjiż terż/territorju/żona/kompartiment kif elenkat f'lista ta' pajjiżi terzi u territorji adottata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 230(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti speċijiet tal-annimali akkwatiċi. (3) Speċijiet elenkati kif imsemmi fil-kolonni 3 u 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882. L-ispeċijiet vetturi elenkati fil-kolonna 4 ta' dik it-tabella għandhom jitqiesu bħala vetturi biss jekk ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness XXX tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692. (4) Applikabbli fil-każijiet kollha meta l-annimali akkwatiċi jridu jiġu rilaxxati fl-ambjent naturali fl-Unjoni jew meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni jew ikollu status ta' ħieles mill-mard għal marda tal-Kategorija C kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 jew ikun soġġett għal programm fakultattiv tal-eradikazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2016/429. (5) Applikabbli biss meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun approva miżuri nazzjonali għal marda speċifika fis-seħħ, li jkunu ġew approvati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 226 tar-Regolament (UE) 2016/429. (6) Speċijiet elenkati fil-kolonna 2 tat-tabella fl-Anness XXIX tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692.
	Veterinarju uffiċjali Isem (b'ittri kbar) Data Kwalifika u titolu Timbru Firma"